TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 202/12-F

**Joseph Bezzina**
**vs**
**Auto Sales Ltd.**

Illum 21 ta' Mejju, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-21 ta' Awwissu, 2012 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf ewro (€1,000), rappreżentanti kont eċċessiv u danni ulterjuri li ħolqot is-soċjeta' ntimata wara li ħa l-vettura tiegħu għat-tiswija.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li hija rappreżentanta tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa ħa l-vettura tiegħu li hija Mercedes tas-sena 1988 u li kellha 90,000 mil, sabiex isewwi xi ħsarat li kellha. Minkejja diversi tentattivi sabiex din il-Mercedes tissewwa, xorta baqgħet b'din il-problema u rċieva kont ta' seba' mitt ewro (€700) fejn qalulu li kienu ħadmu wieħed u tletin siegħa w nofs, fuq din il-vettura u għalhekk qed jitlob dawn id-danni.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi għamlet minn kollox sabiex tipprova ssewwi din il-vettura u li żgur għamlu kollox skond is-sengħa u l-arti.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, u lix-xhieda jinnota li wieħed u tletin siegħa kien ħin eċċessiv sabiex wieħed jipprova jsewwi din il-vettura, anke għall-fatt illi ma spiċċatx tissewwa.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

Għal dawn il-motivi:

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas jew tirrifondi lura l-ammont ta' mitejn ewro (€200) mill-kont oriġinali a favur ir-rikorrenti, u bl-ispejjeż jigu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**